# IT-TIENI SEZZJONI — APPELLI KUMMERĊJALI

11 ta' Jannar, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Raffaele Scerri *versus* Giuseppe Abela et.

**Soċjetà — Likwidazzjoni — Konferiment — Inkwilinat**

***Soċjetà dixxjolta hija kunsidrata bħala għadha ħajja sakemm ma jiġux espletati, per mezz ta' likwidazzjoni, l-affarijiet li kienu mexjin fil-mument tad-dissoluzzjoni tagħha: imma dan ma jfisserx li s-soċjetà mhix dixxjolta qabel ma tiġi kompjuta l-likwidazzjoni.***

***Jekk wieħed mis-soċi kellu minn qabel il-kostituzzjoni tas-soċjetà l-inkwilinat ta' fond, u huwa jkun ikkonferixxa fis-soċjetà l-użu ta' dak il-fond, u mhux ukoll l-ispettanza tad-dritt tal-inkwilinat tal-istess fond, hu intuwittiv li max-xoljiment tas-soċejtà dak l-inkwilinat għandu jerġa jsir interament ta' dak is-soċju; u għaldaqstant, jekk is-soċi l-oħra jibqgħu jokkupaw dak il-fond, ikunu okkupanti bla titolu, u jkunu suġġetti għall-iżgumbrament minn dak il-fond.***

Il-Qorti; Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi bi skrittura privata tas-6 ta' Mejju 1954 ikkuntrattaw soċjetà bejniethom għal żmien sena, rinnovabbli għal żmien ieħor, salv id-dritt ta' kull wieħed minnhom li jagħti liż-żewġ soċi l-oħra pre-avviż bil-miktub tliet xhur qabel l-iskadenza li jrid iħoll is-soċjetà; u illi l-attur ta dak il-pre-avviż per mezz tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Frar 1955, u dak l-avviż ġie aċċettat mill-konvenuti bl-ittra uffiċjali tagħhom tat-18 ta' Ottubru 1955, in risposta għall-ittra uffiċjali tiegħu tal-14 ta' Ottubru 1955, li biha kien sejħilhom għall-likwidazzjoni tas-soċjetà; u illi s-soċjetà kellha s-sede tagħha fil-fond numru 4 Trieq il-Pitkali,

Marsa, li d-dritt tal-inkwilinat tiegħu ġie espressment stabbilit *fl-istess skrittura tas-soċjetà li kien u baqa' esklużivament* tal-attur; u illi l-konvenuti, non ostante l-intimazzjoni lilhom magħmula bl-imsemmija ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru 1955, irrifjutaw li jiżgumbraw l-istess fond, li baqgħu jokkupaw wara x-xoljiment tas-soċjetà mingħajr ebda titolu; talab illi l-istess konvenuti jiġu kundannati jiżgumbraw il-fond fuq imsemmi fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss; iħallsu lilu s-somma li tiġi likwidata għall-okkupazzjoni indebita tal-fond, in linea ta' danni, għaż-żmien *mis-7 ta' Mejju 1955 sal-effettiv żgumbrament*; u li tiġi likwidat.. s-socjetà fuq riferita, u l-attiv diviż bejn is-soċi in parti ugwali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru 1955;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li ssottomettew illi l-pre-avviż mogħti mill-attur ma jimpurtax ix-xoljiment tas-soċjetà, sakemm din ma tiġix likwidata; illi l-attur kien jaf minn qabel ma ġiet kostitwita l-istess soċjetà illi l-fond kellu jservi bħala sede tal-Għaqda Ko-O.. *erattiva li minnha anki hu keilu jippartecipa*, u. *għaldaqs*tant id-dritt tal-inkwilinat, bil-kunsens tal-istess attur, ġie trasferit lill-istess Għaqda, f'isem min, anki bil-kunsens tal-attur, ġiet maħruġa mill-Pulizija l-liċenza għall-eżerċizzju tal-pitkalija; u illi għalhekk it-talbiet tal-attur huma infondati;

Rat il-verbal li minnu jirriżulta li l-konvenuti ma jagħmlux oppożizzjoni għall-likwidazzjoni tas-soċjetà;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' April 1956, li biha laqgħet l-ewwel talba, u pprefiġġiet *lill*-konvenuti 21 ġurnata mill-jum tas-sentenza, biex jiżgumbraw il-fond indikat fl-att taċ-ċitazzjoni; innominat lill-A.I.Ċ. Michel' Angelo Refalo biex jistabbilixxi r-rata li in bażi tagħha għandu jiġi likwidat il-kumpens pagabbli għall-okkupazzjoni tal-fond, kunsidrati ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ; innominat lin-Neguzjant Alfred Darmanin biex jillikwida s-soċjetà fuq riferita, u jissuġġerixxi pjan ta' diviżjoni tal-attiv bejn il-kontendenti; u rriżervat għas-sentenza finali

d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż; u ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni tagħha; wara li kkunsidrat;

Illi mid-dokumenti fil-fol. 4 sal-fol. 7 inklużivament tal-proċess jirriżulta li l-attur kellu d-dritt iħoll is-soċjetà, kif għamel bil-preavviż li ta lis-soċi l-oħra, li ma għamlu ebda oppożizzjoni kontra l-eżerċizzju ta' dak id-dritt da parti tiegħu. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti ma tistgħax tiġi milqugħa. Soċjetà dixxjolta hija kunsidrata bħala għadha ħajja sakemm ma jiġux espletati, per mezz ta' likwidazzjoni, l-affarijiet li kienu mexjin fil-mument tad-dissoluzzjoni tagħha; imma mhux veru li soċjetà mhix dixxjolta qabel ma tiġi kompjuta l-likwidazzjoni;

Illi mid-dokument fil-fol. 4 tal-proċess u mill-kumpless tal-provi l-oħra li saru oralment jirriżulta illi d-dritt tal-inkwilinat tal-fond fuq imsemmi huwa "personalment u eskluživament tal-attur". F'dak il-fond ġiet stabbilita s-sede soċjali għall-bejgħ ta' prodotti agrikoli tal-Għaqda Ko-Operattiva fuq riferita, u għalhekk ġie mill-Pulizija ri-laxxjat permess biex dik il-Ko-Operattiva tbiegħ f'dak il-post il-prodotti agrikoli tagħha;

Rat fol. 34 il-petizzjoni tal-konvenuti, li biha talbu li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija u li jiġu miċħuda t-talbiet tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis:*

Trattat l-appell;

Bl-iskrittura fol. 4 it-tliet kontendenti kkuntrattaw bejniethom soċjetà kummerċjali li l-oġġett tagħha kien l-eżerċizzju tan-negozju ta' pitkalija;

L-attur ta lill-konvenuti l-pre-avviż għax-xoljiment skond dik l-iskrittura, u l-konvenuti aċċettaw (dokumenti fol. 6 u 8 u dok. fol. 7);

L-attur, li kellu minn qabel il-kostituzzjoni tas-soċjetà l-inkwilinat tal-fond il-Marsa, Trieq il-Pitkali numru 4, ikkonferixxa l-użu ta' dan il-fond bħala sede tas-soċjetà;

Hu ċar li bid-disdetta ta' l-attur, tempestivament notifikata lill-konvenuti, is-soċjetà ġiet dixxjolta, u mhux kif

jippretendu l-konvenuti, għad trid tiġi dixxjolta meta ssir il-likwidazzjoni. Dan hu dottrinalment paċifiku u kjarament inferibbli mid-dispost ta' l-art. 1773 (e), 1779 u 1781, li jsemmu dejjem "xoljiment" in relazzjoni għad-disdetta tas-soċju;

Hu ugwalment ċar li l-attur ikkonferixxa biss il-godiment, u mhux l-ispettanza tad-dritt ta' l-inkwilinat tal-fond fuq imsemmi. Dan jirriżulta mhux biss mit-termini ta' l-iskrittura, imma anki mill-istess xhieda tal-konvenuti, fol. 22 u 22 tergo, fejn igħidu li l-attur ikkonferixxa l-"użu". Hu intuwittiv, għalhekk, li max-xoljiment tas-soċjetà dak l-inkwilinat dikjarat fl-iskrittura fol. 4 bħala "personalment u esklużivament tas-soċju Scerri", għandu jerġa' jsir interament tiegħu, u li għalhekk il-konvenuti jsiru okkupanti bla titolu, suġġetti għall-iżgumbrament;

Iżda l-konvenuti jippretendu li, skond ftehim susseg-wenti, dan l-inkwilinat sar tal-Għaqda Ko-Operattiva, li twaqqfet in segwitu mit-tliet kollitiganti;

Hu fatt li, sabiex jiġi attwat l-oġġett tas-soċjetà, li kien appuntu n-negozju tal-pitkalija, saret bejn il-kontendenti, jumejn wara l-iskrittura l-oħra fol. 4, skrittura ulterjuri, dik fol. 51, li biha l-attur u l-konvenut Barbara awtorizzaw lill-konvenut l-ieħor Abela biex iwaqqaf soċjetà ko-operattiva ta' gabillotti, biex dawn iġibu l-prodotti tagħhom għall-bejgħ fis-sede tas-soċjetà; u l-profitt ta' din l-attività kien jinqasam, wara li l-gabillotti jieħdu l-prezz tal-prodotti. U hekk sar;

Iżda b'daqshekk il-pożizzjoni ġuridika tal-konferiment fuq imsemmi ma ġietx menomament alterata; għar-raġunijiet li sejrin jissemmew: —

1. It-tieni skrittura kkonfermat "expressis verbis" l-istipulazzjonijiet kollha kontenuti fl-ewwel skrittura;

2. Il-kostituzzjoni tal-ko-operattiva (li saret "a beneficcju u favur esklużiv ta' l-istess soċjetà") ma kienetx ħlief mezz li bih ġie attwat l-oġġett tas-soċjetà, kif oriġinarjament dikjarat fl-iskrittura fol. 4, ċjoè n-negozju ta' pitkalija. Bħala tali, il-ko-operattiva kienet parti integrali ta' l-istess soċjetà kuntrattata bl-iskrittura fol. 4;

3. Tant hu hekk, li anki rigward ta' din il-ko-operattiva ġiet riżervata l-istess fakoltà ta' disdetta wara l-għeluq ta' l-ewwel sena, kif kien sar fl-iskrittura fol. 4;

Anzi, tant il-kontendenti kkunsidraw il-ko-operattiva bħala ħaġa waħda mas-soċjetà tagħhom, li, għalkemm awtorizzaw lill-konvenut Abela biex iwaqqaf il-ko-operattiva "għal żmien sena", kienu gwardingi li jgħidu esplicitament li din is-sena tagħlaq fil-5 ta' Mejju 1955 (avvolja l-iskrittura fol. 51 saret fit-8 ta' Mejju 1955), u dan sabiex tkun ta' l-istess sena ta' l-iskrittura fol. 4 li saret fis-6 ta' Mejju 1954, u kienet għalhekk tagħlaq fil-5 ta' Mejju 1955. Evidentement dan sar sabiex id-disdetta tkun l-istess għall-waħda u l-oħra;

Konsegwentement, meta l-attur ta l-pre-avviż fol. 6 hu xolja s-soċjetà kuntrattata bl-iskrittura fol. 4, kompriża wkoll l-attività tagħha permezz tal-ko-operattiva msemmija fl-iskrittura fol. 51;

Hi għalhekk insostenibbli l-preteża tal-konvenuti, li minħabba l-ko-operattiva ma kienx hemm ir-reversjoni tal-godiment tal-fond ġa adibit bħala sede soċjali favur l-attur;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma fil-kapi devoluti lil dina l-Qorti s-sentenza appellata. It-terminu għall-iżgumbrament jibda jgħaddi mil-lum;

L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-konvenuti. Dwar l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza ma kienx hemm deċiżjoni, għax ġew riżervati għas-sentenza finali;

Tirrinvija l-proċess lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.